

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-22 ta' Lulju 2022 –
Association interprofessionnelle des fruits et légumes frais (Interfel) vs Ministère de l'Agriculture et
de la Souveraineté alimentaire**

(Kawża C-501/22)

(2022/C 424/28)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Association interprofessionnelle des fruits et légumes frais (Interfel)

Konvenut: Ministère de l'Agriculture et de la Souveraineté alimentaire

Domanda preliminari

L-Artikolu 164 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹) għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza l-estensjoni ta' ftehimiet interprofessionali li jipprevedu regoli iktar stretti minn dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mhux biss fil-qasam tar-“regoli ta' produzzjoni” imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu, iżda wkoll fl-oqsma kollha, imsemmija fil-punt (a) u fil-punti (c) sa (n), li fir-rigward tagħhom jipprevedi li tista' tintalab l-estensjoni ta' ftehim interprofessionali, u b'mod partikolari jekk dan l-artikolu jawtorizzax, fejn il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi regoli ta' kummerjalizzazzjoni għal kategorija partikolari ta' frott jew ta' ħaxix, l-adozzjoni ta' regoli iktar restrittivi, fil-forma ta' ftehim interprofessionali, u l-estensjoni tagħhom għall-operaturi kollha?

(¹) ġu 2013, L 347, p. 671, rettifikasi fil-ġu 2014, L 189, p. 261, fil-ġu 2016, L 130, p. 8, fil-ġu 2020, L 1, p. 5, u fil-ġu 2022, L 195, p. 106.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-22 ta' Lulju 2022 –
Association interprofessionnelle des fruits et légumes frais (Interfel) vs Ministère de l'Agriculture et
de la Souveraineté alimentaire**

(Kawża C-502/22)

(2022/C 424/29)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Association interprofessionnelle des fruits et légumes frais (Interfel)

Konvenut: Ministère de l'Agriculture et de la Souveraineté alimentaire

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 164 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹), għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza l-estensjoni ta' ftehimiet interprofessionali li jipprevedu regoli iktar stretti minn dawk stabbiliti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mhux biss fil-qasam tar-“regoli ta' produzzjoni” imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu, iżda wkoll fl-oqsma kollha, imsemmija fil-punt (a) u fil-punti (c) sa (n), li fir-rigward tagħhom jipprevedi li tista' tintalab l-estensjoni ta' ftehim interprofessionali, u b'mod partikolari jekk dan l-artikolu jawtorizzax, fejn il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi regoli ta' kummerjalizzazzjoni għal kategorija partikolari ta' frott jew ta' ħaxix, l-adozzjoni ta' regoli iktar restrittivi, fil-forma ta' ftehim interprofessionali, u l-estensjoni tagħhom għall-operaturi kollha?

- 2) Fl-assenza ta' regoli tal-Unjoni spċifici għal kategorija partikolari ta' frott jew ta' ħaxix, l-Artikolu 164 tar-Regolament Nru 1308/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza l-estensjoni ta' ftehimiet interprofessionali li jipprevedu regoli iktar stretti mill-istandard applikabbi adottati mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti li għalihom jirreferi d-dritt Ewropew?

(¹) ĠU 2013, L 347, p. 671, rettifikasi fil-ĠU 2014, L 189, p. 261, fil-ĠU 2016, L 130, p. 8, fil-ĠU 2020, L 1, p. 5, u fil-ĠU 2022, L 195, p. 106.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-22 ta' Lulju 2022 –
Association interprofessionnelle des fruits et légumes frais (Interfel) vs Ministère de l'Agriculture et
de la Souveraineté alimentaire**

(Kawża C-503/22)

(2022/C 424/30)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Association interprofessionnelle des fruits et légumes frais (Interfel)

Konvenut: Ministère de l'Agriculture et de la Souveraineté alimentaire

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 164 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (¹) għandu jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza l-estensjoni ta' ftehimiet interprofessionali li jipprevedu regoli iktar stretti minn dawk stabbiliti [mil-]leġiżlazzjoni tal-Unjoni mhux biss fil-qasam tar-“regoli ta' produzzjoni” imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu, iżda wkoll fl-oqsma kollha, imsemmija fil-punt (a) u fil-punti (c) sa (n), li fir-rigward tagħhom jipprevedi li tista' tintalab l-estensjoni ta' ftehim interprofessionali, u b'mod partikolari jawtorizza, fejn il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprevedi regoli ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' imballaġġ għal kategorija partikolari ta' frott jew ta' ħaxix, l-adozzjoni ta' regoli iktar restrittivi permezz ta' ftehim interprofessionali, u l-estensjoni tagħhom għall-operaturi kollha?
- 2) Fil-każ li r-risposta għad-domanda preċedenti tkun differenti skont jekk humiex inkwistjoni r-“regoli ta' kummerċjalizzazzjoni” imsemmija fil-punt (d) [tal-paragrafu 4] ta' dan l-artikolu jew l-“[i]standardi minimi dwar l-imballaġġ u l-preżentazzjoni” imsemmija fil-punt (k) tal-istess [paragrafu], l-istabbiliment ta' tqassim skont id-daqs intiż li jiżgura l-uniformità tal-prodotti fl-istess pakkett jaqa' taħt ir-regoli ta' kummerċjalizzazzjoni jew taħt l-standards dwar l-imballaġġ?

(¹) ĠU 2013, L 347, p. 671, rettifikasi fil-ĠU 2014, L 189, p. 261, fil-ĠU 2016, L 130, p. 8, fil-ĠU 2020, L 1, p. 5, u fil-ĠU 2022, L 195, p. 106.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fit-22 ta' Lulju 2022 –
Association interprofessionnelle des fruits et légumes frais (Interfel) vs Ministère de l'Agriculture et
de la Souveraineté alimentaire**

(Kawża C-504/22)

(2022/C 424/31)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État